MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 545/1999/1

**Maria Zerafa bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri Elaine u Keith, hekk nominata b'digriet tal-Qorti datat 16 ta' Settembru 1999.**

**vs**

**Anthony Zerafa**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Marzu 1999 (a fol. 1 tal-process) fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut isseparaw bonarjament b'kuntratt ta' l-4 ta' Novembru 1994 fl-atti tan-Nutar, John Cachia Zammit (Dok. "A");

Illi l-konvenut huwa obbligat imantni lil uliedu, Elaine u Keith skond il-paragrafu (i) (f) u l-artikolu (2);

Illi l-attrici ghandha l-kura u l-kustodja ta' Elaine u Keith skond l-istess kuntratt;

Illi l-manteniment gie aggustat f'Jannar 1996 (Dok. "B");

Illi minn Gunju 1996 il-konvenut waqaf imantni lil uliedu (Dok. "C");

Illi l-attrici saret taf li l-konvenut fil-11 ta' Settembru 1998 biegh Malta Government Stocks fl-ammont ta' tmintax-il elf Lira Maltija (Lm18,000).

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara li l-konvenut ghandu l-obbligu li jmantni lil uliedu minuri, Elaine u Keith;

(2) Tiffissa dik ir-retta alimentarja li ghandha tithallas mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghall-ulied minuri, Elaine u Keith;

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja fuq likwidata ghal uliedu minuri, Elaine u Keith;

(4) Tillikwida dak l-ammont dovut bhala manteniment ghal uliedu minuri, Elaine u Keith minn Gunju 1996 bhala arretrati ta' manteniment skond il-kuntratt ta' l-4 ta' Novembru 1994;

(5) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma likwidata fir-raba` talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 30 ta’ Lulju 1999 (a fol. 22) fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet segwenti u cjoe`:

a. Skond il-kuntratt ta’ separazzjoni bejn Maria Zerafa u l-eccipjenti, l-eccipjenti mhux obbligat ihallas manteniment u dan peress illi minn Mejju 1996, hu ma kellu ebda paga jew dhul minn impjieg u kontra qalbu, l-eccipjenti mhux f’pozizzjoni illi jahdem ghal ragunijiet ta’ sahha.

b. L-uniku dhul li l-eccipjenti ghandu fil-prezent huwa ta’ mija u hamsa u tletin Lira Maltija (Lm135) kull erba` gimghat bhala pensjoni ta’ l-invalidita`, liema pensjoni beda` jircievi minn Settembru 1998, u li ma sservix ghall-ghixien tieghu.

*c.* *Inoltre* l-attrici ghandha bizzejjed mezzi hija nnifisha biex tmantni lil uliedha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 23 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-imsemmi konvenut u l-lista tad-dokumenti esebiti (a fol. 23 u 24);

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 3 ta’ Marzu 1999 fejn talbet lill-Qorti sabiex tappuntaha bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Settembru 1999 fejn deher Dr. Aaron Mifsud Bonnici li assocja ruhu fil-patrocinju ta’ l-attrici; il-Qorti semghet lill-konvenut u tilqa` t-talba attrici sabiex tkun kuratrici *ad litem* tal-minuri u giet nominata Dr. Greta Mifsud Agius bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbali tas-seduti tal-21 ta' Marzu 2000; tat-8 ta' Novembru 2000; tal-21 ta' Frar 2001; u ta' l-20 ta' Settembru 2001;

Rat in-nota ta' l-attrici datata 25 ta' Jannar 2002 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit ta' Tonio Grech;

Rat l-avviz tal-5 ta' April 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Raymond C. Pace;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Gunju 2002;

Rat ir-rikors ta' l-Assistent Gudizzjarju datat 9 ta' Ottubru 2002;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Ottubru 2002 fejn gie revokat l-inkarigu ta' l-Assistent Gudizzjarju u Dr. Greta Mifsud Agius giet nominata minflok bhala Perit Legali;
Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2002 fejn giet ikkonfermata n-nomina ta' Dr. Greta Mifsud Agius bhala Perit Legali;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' April 2003 fejn dehret il-Perit Legali u halfet ir-rapport;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali a fol. 172 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-5 ta' Gunju 2003 fejn il-Qorti tat il-fakolta` lill-partijiet sabiex jaghmlu noti ta' l-osservazzjonijiet u tat-28 ta' Ottubru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' April 2004;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut datata 22 ta' Jannar 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici tispjega illi hi u l-konvenut kienu sseparaw konsenswalment fl-4 ta’ Novembru 1994, fejn il-konvenut obbliga ruhu li jhallas alimenti lil uliedu Keith ta’ erbatax-il sena u Elaine ta’ sittax-il sena, fl-ammont ta’ mitt Lira Maltija (Lm100) kull xahar ghax-xhur tax-Xitwa, u l-ammont ta’ mija u tletin Lira Maltija (Lm130) fix-xahar fix-xhur tas-Sajf.

Illi dawn l-ammonti baqa’ jhallashom sa Frar 1995 u mbaghad spicca biex minn jeddu naqqas is-somma ta’ manteniment ghal sebgha u sebghin Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm77.78) fix-xahar fix-Xitwa u mija u tlett Liri Maltin u erba` u erbghin centezmu (Lm103.44) fis-Sajf.

Dawn l-ammonti baqa’ jhallashom sa Mejju, 1996.

Illi bejn id-19 ta’ Jannar 1996 u Mejju 1996 il-konvenut rega’ biddel il-manteniment u gholla l-ammonti ghal disgha u sebghin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm79.60) fix-Xitwa u mija u hames Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm105.80) fis-Sajf.  Imbaghad f’Mejju 1996 waqaf jahdem u ghalhekk ma baqax ihallas manteniment.  Fl-1996 waqaf jahdem minn jeddu.

Illi bhala spejjes edukattivi, l-attrici tispjega illi skond klawsola 8 (g) tal-kuntratt ta’ separazzjoni, il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas ghall-ispejjes ghal kull tip ta’ ezamijiet edukattivi tat-tfal.
Illi l-attrici tistqarr li t-tifel minuri ghadu qed jattendi l-*Junior Lyceum*, filwaqt illi t-tifla minuri tattendi l-*Banking School* f’Rahal Gdid fejn qed tattendi l-kors ta’ *insurance*.  It-tifla Elaine ghandha biss stipendju ta’ erbghin Lira Maltija (Lm40) fix-xahar.

Illi sadanittant it-tifel ghad irid ipoggi ghall-*'O' Levels*, u t-tifla fis-sena 2000 kienet qed taghmel l-*'A' Levels*, flimkien ma' l-ezamijiet ta' l-*insurance*.

Illi bhala spejjes edukattivi dawn ammontaw ghal mitejn Lira Maltija (Lm200) u ma thallsux mill-konvenut (Dok. "H" - Dok. "L"). Bhala spejjes edukattivi ohra hemm seba` Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm7.50) fil-gimgha ghall-privat tat-tifel fil-*Maths*, *Physics* u *Technical Design*. Kienet thallas dawn l-ammonti b'mitt Lira Maltija (Lm100) fix-xahar fl-1994 u aktar sakemm hallset lil huha fl-1996.

Illi fl-ahhar seduta li nzammet fil-25 ta' Novembru 2002 u meta l-attrici xehdet in kontro-ezami, stqarret illi llum fil-mori tal-kawza, t-tifla taghhom ghandha dsatax-il sena u t-tifel sbatax-il sena. It-tifla tahdem ma' Gasan Mamo Insurance bhala *insurance clerk*.

It-tifel jahdem *part-time* darba fil-gimgha. Hu wkoll jattendi s-*School of Beauty and Hairdressing*. L-attrici tistqarr illi hi tahdem bhala *casual typist* mal-Gvern u taqla' mitejn u ghaxar Liri Maltin (Lm210) netti fix-xahar u mija u sittin Lira Maltija (Lm160) netti fis-Sajf.
Illi l-attrici in kontro-ezami tistqarr ukoll illi kienet ghamlet zmien tahdem ukoll *part-time* mal-McDonalds, waqfet tahdem f'Awissu 1998 u dan wara sena u hames xhur. Minn hawn kienet iddahhal hamsin Lira Maltija (Lm50) fil-gimgha.

Illi llum l-attrici tispjega illi tahdem *part-time* bhala waitress ma' l-International Hotel li taqla' biss sebgha Liri Maltin (Lm7) fil-gimgha u hawn tahdem biss darba fil-gimgha u bhala tips ma taqla' prattikament xejn. Illi l-attrici tistqarr ukoll illi apparti ghalhekk l-impieg taghha, kellha impjieg *part-time, overtime*, kif ukoll manteniment.

Illi bhala spejjez ghall-hajja fil-gimgha l-attrici tikkonferma illi dawn huma s-segwenti:-

(a) Lm3.00 karozza tal-linja ghat-tifla.
(b) Lm25-Lm30 kull xahrejn kontijiet tad-dawl u ilma.
(c) Lm9.00 kontijiet tat-telefon ta' xahrejn.

(d) Minimu ta’ (Lm50) fil-gimgha bhala spejjez ta’ kuljum.

Illi l-attrici tistqarr ukoll illi meta hi u l-konvenut isseparaw kienet ghaddhietlu s-somma ta’ tmintax-il elf Lira Maltija (Lm18,000) bhala sehemu ta’ nofs indiviz tad-dar matrimonjali. Assenjatlu wkoll kont tal-bank fejn kien hemm bilanc ta’ hamset elef Lira Maltija (Lm5,000).

Illi l-attrici tkompli tispjega illi l-ammont ta’ tmintax-il elf Lira Maltija (Lm18,000) li assenjat lill-konvenut gew investiti originarjament mal-Malta Stock Exchange, izda wara li harget mandat ta’ sekwestru fuq l-imsemmi ammont, giet informata mill-i*Stock Exchange* illi dak l-ammont ma kienx ghadu investit maghhom. Lanqas irrizultaw li kien hemm xi flus fil-bank.

Illi l-attrici tispjega illi hija kienet hadet *loan* ta’ hdax-il elf Lira Maltija (Lm11,000) li sselfet minghand il-familja bilanc ta’ somma akbar li ssellfet sabiex thallas lir-ragel is-sehem tieghu. Illi l-attrici in kontro-ezami tispjega illi sselfet hdax-il elf Lira Maltija (Lm11,000) minghand missierha u sitt elef Lira Maltija (Lm6,000) minghand huha.

Illi l-attrici tkompli tispjega illi ghamlet zmien thallas dan il-*loan* bin-nifs, izda prezentement ma kenitx qed thallas peress li finanzjarjament ma kenitx f’pozizzjoni li thallas. Lil missierha ma kenitx hallsitu bejn l-1994-1996. Tghid illi ma kienx hemm ftehim u ma kienx hemm imghax.

Illi kienet thallas dan l-ammont b’mitt Lira Maltin (Lm100) fix-xahar fl-1994 u aktar sakemm hallset lil huha fl-1996. Illi in kontro-ezami, l-attrici tispjega li fil-kuntratt ta’ separazzjoni kien gie miftiehem li l-ammont ta’ manteniment miftiehem seta’ biss jigi rivedut skond iz-zieda jew tnaqqis fid-dhul tar-ragel. Issostni li l-konvenut baqa’ jhallas manteniment sa’ Frar 1995 skond il-kuntratt ghaliex il-paga tieghu baqghet l-istess. Meta fid-19 ta’ Jannar 1996, il-konvenut infurmaha li kien ser inaqqas il-manteniment m’oggezzjonatx.
Illi dejjem in kontro-ezami, l-attrici tistqarr illi hija kienet qed izzomm zewg kontijiet f’isem it-tfal li flimkien kienu

jammontaw ghal bejn elfejn Lira Maltija (Lm2,000) u tlett elef Lira Maltija (Lm3,000). Tghid li kellha *savings account* f'dak iz-zmien, pero' ma tiftakarx x'ammont kellha. Is-*savings account* li kellha waqt is-separazzjoni ghalqitu ghaliex saret taf li l-konvenut kellu *telebank card* u bih seta' jkun jaf x'bilanc kien hemm f'dan il-kont.

Illi dan gara ghall-habta ta' l-1998 u meta ghalqet dan il-kont, il-bilanc kien bejn elf Lira Maltija (Lm1,000) u elfejn Lira Maltija (Lm2,000). Illi l-attrici tistqarr li ma tafx jekk il-konvenut ibaghtix minn *depression* jew le. Illi l-attrici tistqarr illi kellha xi kontijiet tat-tifla li kienu f'isimha li qalbithom fuqha. Ma tiftakarx x'kien l-ammont meta qalbet il-kont fuq it-tifla, izda kien jaqbez elf Lira Maltija (Lm1,000). Qalbitu meta t-tifla kellha sittax-il sena. Il-kont kien *fixed deposit account* u kien jiggedded kull sena. Illi l-attrici tistqarr ukoll illi l-kont tat-tifel ma setghetx taqilbu fuqu u dan minhabba li l-flus huma go *fixed deposit account* ghal hames snin li ghadhom sa llum ma mmaturawx. Il-bilance ta' dan il-kont illum huwa ta' disa` mija u hamsin Lira Maltija (Lm950). Illi l-ktieb ta' dan il-kont jinsab ghand l-attrici minhabba li ghadu f'isimha.

Illi l-attrici tiddikjara illi *s-savings account* taghha nghalaq fl-1996 u nghalaq b'ammont ta' madwar tlett mitt Lira Maltija (Lm300). Tiddikjara ukoll illi fl-1998 ma kenitx taf x'ammont kellha. Fl-1994 kellha xi haga fuq elf Lira Maltija (Lm1,000). L-attrici tistqarr illi fl-1996 kienet siefret mat-tfal l-Izvizzera. Tispjega illi meta hi u t-tifel kienu telghu l-Amerika, fl-1999, kien hallsilhom il-passagg huha, kienet tellghet biss *spending money*. It-tifel darba mar wahdu ma' ta' l-iskola. Xehdet li huha kien hallas l-ezamijiet tat-tfal, il-*maintenance* tad-dar u tal-karozza. Tallega li kienet issellfet sittax-il elf Lira Maltija (Lm16,000) minghand huha u missierha. Lil huha kienet hallsitu kollox u cjoe' bejn hamest elef Lira Maltija (Lm5,000) u hamest elef u hames mitt Lira Maltija (Lm5,500). Lil missierha tispjega illi kienet s'issa taghtu elf Lira Maltija (Lm1,000).

Illi dwar id-dar, l-attrici tispjega illi ghadha toqghod hemm u s'issa ma ppruvatx tbiegh id-dar. Tikkonferma li l-konvenut kien baqa' jahdem sa Mejju 1996 u minn din id-

data sa' Gunju 1997 kien jirregistra ghax-xoghol pero' ma kienx intitolat ghal flus, peress li kellu flus il-bank. Illi mbaghad, fl-1997, kien beda jircievi pensjoni, kif ukoll kien jiehu ghajnuna supplementari, cekk li johrog kull tliet xhur fl-ammont ta' erbatax-il Lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm14.95). Illi l-attrici zzid illi ghalkemm il-konvenut huwa ntitolat ghal dan is-suppliment, ilu ma japplika ghalih ghal sentejn shah. Illi l-attrici tispjega illi hi ma kenitx hadet manteniment minghand ir-ragel ghaliex kienet tahdem.

Illi **Anthony Grech**, hu l-attrici, spjega illi kien jaf li ohtu u z-zewgt itfal kienu siefru flimkien f'dawn l-ahhar seba' snin u mbaghad kien hemm darb'ohra fejn l-attrici kienet siefret mat-tifel, Keith, l-Amerika. Qal li hallas ghall-ispejjes tal-*flights* u *accommodation* ta' ohtu u Keith, uhud mill-lukandi kienu *full board* u whud kienu fuq bazi *bed only*. Jispjega illi hu ilu jghin lil ohtu finanzjarjament sa minn Mejju, 1996 u cjoe' minn meta l-konvenut waqqaf il-manteniment. Jghinha peress li finanzjarjament ma tistax tlahhaq ma' certi spejjes. Jghin l-aktar fil-*maintenance* tad-dar u karozza, kif ukoll spejjes in konnessjoni ma' l-edukazzjoni tat-tfal.

Illi Alexander Agius, bhala rapprezentant mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u li huwa nkarigat mis-sezzjoni tac-*children's allowance*. Illi x-xhud esebixxa l-applikazzjonijiet ghal *children's allowance* u dan ikopri l-introjtu ta' l-attrici bejn is-snin 1995-1998. (Dok. "MZ 1"-"MZ 5"). Esebixxa pagamenti ta' l-*allowance* li nghataw lill-attrici bejn is-snin 1995-1999. (Dok "MZ 6" – "MZ 11").

Illi **Sarah Grech** bhala mpjegata mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, fuq *social assistance* tispjega illi l-attrici kienet tircievi ghajnuna socjali mill-20 ta' Gunju 1998 sas-16 ta' Ottubru 1998 u mill-5 ta' Dicembru 1998 sat-8 ta' Jannar 1999. Tghid ukoll illi l-assistenza socjali tinghata a bazi ta' *means test*. Fil-kaz ta' l-attrici kien gie stabbilit illi hija kienet qed tahdem *part-time*, tletin siegha kull gimgha. Iddikjarat li kellha paga ta' tlieta u erbghin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm43.50) fil-gimgha, li minnhom sittax-il Lira Maltija u zbatax-il centezmu (Lm16.17) jitnaqqsu

mir-rata tar-*relief* applikabbli. Ghalhekk, fiz-zminijiet imsemmija kienet tricievi hames Liri Maltin u erba` u sittin centezmu (Lm5.64) fil-gimgha. (Dok “MZ 12” u “MZ 13”).

1. Mid-9 ta’ Jannar 1999, imbaghad l-attrici bdiet tahdem *full-time* u ma baqghetx tirciev ih.

2. Dwar assistenza socjali ghall-konvenut, ix-xhud tispjega li hu ma kienx jirceviha peress li ma kienx jirregistra taht l-Ewwel Parti ta’ l-ETC u dan kien fis-sena 1996 (Dok. “T21”).

Illi r-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali esebixxa zewg dokumenti, Dok. “DS1” li jindikaw li l-konvenut kien baqa’ jircievi “*allowance* supplimentari” sal-perjodu bejn l-1 ta’ April 1999 sat-2 ta’ Lulju 1999 u l-ammont kien ta’ erbatax-il Lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm14.95). Illi l-istess rapprezentant stqarr illi l-konvenut ma kienx ghamel talba ghal dan l-*allowance* fis-sena 2000. Illi mbaghad Dok. “DS2” jindika l-ammont ta’ *invalidity pension* li rcieva l-konvenut bejn 1998 sas-sena 2000.

Illi l-konvenut spjega illi meta hu u l-attrici sseparaw kienu ftehmu illi l-attrici kellha zzomm id-dar matrimonjali, filwaqt li l-konvenut kellu jircievi ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) bhala sehemu tan-nofs indiviz tad-dar. Illi l-attrici taghtu tlett elef Lira Maltija (Lm3,000) qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni fl-4 ta’ Lulju 1994 u fuq il-kuntratt kien ircieva zbatax-il elf Lira Maltija (Lm17,000).

Illi l-konvenut jispjega illi hu ilu ma jahdem sa mis-sena 1996 u fl-1998 gie *medically boarded out.* Wara s-separazzjoni jammetti li kien hadem biss sena u nofs. Illi tul din is-sena u nofs il-konvenut jispjega illi hu baqa’ jhallas manteniment lil uliedu mbaghad bejn Dicembru, 1995 u Mejju 1996 xorta baqa’ jaghti manteniment ghalkemm ma kienx jara lit-tfal. Illi l-konvenut jispjega illi hu kien qed ibati minn *depression* u minhabba li t-tfal kienu jigu kontra qalbhom hass li kien ahjar li jhallihom fil-liberta’ li jiltaqghu mieghu. L-konvenut jistqarr illi hu waqaf

jahdem u waqaf jaghti l-manteniment. Jistqarr ukoll li fil-kuxjenza tieghu ma setax jaghti l-manteniment lit-tfal meta ma kienx qed jarahom. Meta waqaf mix-xoghol, kien ilu ma jara lit-tfal ghal madwar hames xhur.

Illi l-konvenut jistqarr illi ghalkemm gie miftiehem l-ammont li kellu jhallas bhala manteniment, kien hemm ukoll miftiehem illi l-manteniment kellu jkun registrat skond il-paga li jkollu f’dak iz-zmien partikolari. Illi l-konvenut jiddikjara illi l-ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) li kien ircieva kien investihom f’Stock tal-Gvern. Biex ma jmissx din is-somma, kien jispicca jissellef il-flus ghax il-paga ma kenitx qed isservih. Kien jissellef minghand membri tal-familja, kif ukoll minghand terzi. U ghalhekk per konsegwenza bejn l-1994 sa l-1998 kien issellef xi hdax-il elf Lira Maltija (Lm11,000). Dan kollu gara sakemm gie *boarded out*. Qal ukoll li ftit qabel ma gie *boarded out*, kien nehha l-i*stocks* fl-ammont ta’ ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000), fuq parir. Bl-istess ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) hallas id-dejn li kellu. Il-parti l-ohra uzahom sabiex johrog u jissocjalizza bhal jiekol barra minhabba d-dipressjoni li kellu. Bhala bilanc ghad fadallu madwar elfejn Lira Maltija (Lm2,000) li qed jiekol minnhom ukoll ghax il-pensjoni ma sservihx.

Illi l-konvenut jammetti li l-*allowance* supplementari kien jaf bihom u li huma ta’ erbatax-il elf Lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm14.95) kull tlett xhur. Hu jammetti li m’applikax ghalihom <u>ghaliex ma riedx ipaxxi lill-attrici</u> li kienet tahdem mad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali. U ghalhekk kellha access ghall-*file* tieghu. Fil-fatt kien talab li jinfetah Bord ta’ Dixxiplina kontra l-attrici. Illi l-konvenut jispjega illi hu jonfoq hafna flus fuq pilloli, izda ma jafx jekk hux intitolat ghall-karta r-roza. Illi l-konvenut jispjega illi wara Mejju 1996 ma kienx jaf jekk it-tfal kenux qed jigu mmantnuti ghaliex kien inqata’ kull kuntatt. Il-konvenut jispjega illi meta kien ikollu access ghat-tfal kien jehodhom ghand il-genituri tieghu u gieli kien ihallihom hemm u jitlaq ‘il barra minhabba d-*depression* li kellu. Illi jispjega illi kien hemm nuqqas ta’ komunikazzjoni bejnu u bejn it-tfal.

Illi l-konvenut jispjega illi hu prezentament jircievi *invalidity pension* ta’ mija u wiehed u erbghin lira Maltija (Lm141) kull erba’ gimghat li minnhom jikkontribwixxi ghall-ispejjez tieghu lill-familjari pero’ ma jhallasx l-istess ammonti. Il-konvenut jispjega illi hu jghix ma’ l-genituri tieghu. Il-habiba tieghu ma tghix maghhom. Tghix il-Mosta. Jammetti li ma hallasx ghall-ezamijiet tat-tfal. Il-konvenut jispjega illi bejn in-nofs ta’ Novembru, 1994 meta spicca jahdem ma’ Peresso, kien qieghed u mbaghad xahrejn wara beda` jahdem ma’ Technoline (Jannar 1995), xorta hallas manteniment f’dak il-perjodu fl-ammont ta’ mitejn Lira Maltija (Lm200). L-istess ghamel bejn Ottubru u Novembru 1995 meta kellu *glandular fever* u naqsitlu l-paga minhabba s-*sick leave*.

Illi l-konvenut jispjega illi llum huwa jiehu *anti-depressants* li huma Xanax u Cipram li jehodhom kuljum. Ic-Cipram iqumu tlettax-il Lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm13.75) kull tmienja u ghoxrin (28) gurnata u Xanax zewg Liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm2.95) kull tletin (30) gurnata. Xanax huwa *psychotropic drug* u ghalhekk ghandu bzonn karta bajda li jiffirmaha l-Psikjatra.

Illi in kontro-ezami, il-konvenut jistqarr illi hu kien gie “*boarded out*” u dan fuq parir ta’ Dr. Peter Muscat li ccertifikah li ghandu *depression* u li kien qed ibaghti b’dak li sejhulu *burnout syndrome*. Illi l-konvenut jispjega illi d-*depression* tieghu bdiet ftit qabel is-separazzjoni tieghu minn ma’ martu u dan wara terzi persuni bdew javzawh li martu, l-attrici, kienet qed tibdlu. Illi l-konvenut jiddikjara illi l-attrici kienet ammettiet mieghu stess li kellha relazzjoi ma’ terza persuna. Jghid hu li waqaf jahdem minn mal-Gvern f’April 1994 u cjoe’ qabel is-separazzjoni. Hawn kien jahdem bhala *analyst*.

Illi wara li telaq minn mal-Gvern, il-konvenut mar jahdem ma’ Michele Peresso Ltd u dam hemm ghal seba’ xhur. Jistqarr illi hawn il-paga tieghu kienet aktar minn mal-Gvern, pero’ kien jaghmel xoghol li ma kellux x’jaqsam ma’ xoghol ta’ *analyst*. Kien jahdem bhala *salesman*. Illi wara li telaq minn hawnhekk sab impjieg ma’ Technoline

Ltd u dejjem tul dawn il-perjodi l-konvenut jiddikjara li dejjem baqa' jibghat manteniment.

Illi l-konvenut jispjega illi sa llum ghadu qed ibaghti bid-*depression* u qieghed taht kura u jmur ghand Dr. Peter Muscat kull xahrejn. Illi l-uniku ntrojtu ddikjarat mill-konvenut huwa ta' mija u erbghin Lira Maltija (Lm140) kull erba' gimghat bhala *invalidity pension*.  Bhala proprjeta', karozzi u flus il-bank, il-konvenut jiddikjara li m'ghandu xejn.  Illi l-konvenut jispjega illi l-gurnata jqattaha jaqra, jimxi u jilghab bil-komputer.  Minn mindu ssepara, l-konvenut jispjega illi hu minn dejjem kien jikri *flats*.  Biddel xi hames jew sitt *flats* fil-Mosta, u kien hemm *flat* li kera f'Bugibba u dan kien krieh fl-ahhar ghall-habta tas-sena 2000.  Il-kera dejjem kienet tkun bejn tmenin Lira Maltija u mija u ghoxrin Lira Maltija (Lm80-Lm120) fix-xahar. Jghix mal-genituri tieghu u qabel kien ihallas il-kirjiet mill-flus li kien inghata tul is-separazzjoni.

Illi **Dr. Peter Muscat** huwa l-Psikjatra li jikkonsulta l-konvenut u fic-certifikat tieghu *ex parte* mahrug fis-26 ta' Novembru 2002, illi hu ilu jikkura l-konvenut sa mis-sena 1997 minhabba "*chronic depressive illness*". Jsostni li fl-1998 il-kundizzjoni tal-konvenut tant iddeterjorat illi hu stess kien irrakkommandalu sabiex jigi *boarded out.* Jghid ukoll illi minkejja l-kura li qed isegwi sa llum il-konvenut, l-istat mentali tieghu hija prekarja; tant li huwa nkapaci li jahdem - (Dok. "PM").

**<u>(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni tal-konjugi Zerafa ta' l-4 ta' Novembru 1994, li gie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. John Cachia Zammit, precizament f'klawsola (3) (f) gie miftiehem is-segwenti:-

*"As maintenance for the said minor children, the said husband Anthony Zerafa shall pay to his wife Maria Zerafa:-*

*(1)  for the period from the beginning of the month of June up to the end of the month of September, the sum of*

*one hundred and thirty three Maltese Liri (Lm133) every month in advance;*

*and*

*(II) for the period from the beginning of the month of October up to the end of the month of May. The sum of one hundred Maltese Liri (Lm100) month in advance; which payments are stipulated as to one half (1/2) share of said amounts each month for each of the two (2) minor children, such that the payments stipulated in this clause in respect of the maintenance of either child shall cease upon the child's attainment of majority and shall be suspended during any period of the child's gainful employment for a wage or income exceeding the National Minimum Wage current in the time or during any period where without just cause concerning the health and education of the child, the access set out in clause "e" of this Article has not been acceded to appearer Anthony Zerafa. The maintenance stipulated in this clause small only or revised with reference to the increase or decrease to the said husband's income, and the said wife binds and all respects beyond the said husband's contributions, original or revised in accordance with this clause. The parties shall seek to review the income of appearer Anthony Zerafa for the purposes of the revision of the maintenance payable by the said appearer Anthony Zerafa at the beginning of each year. Any revision shall be based on a mathematical proportion between the present wage of the husband and the amount of maintenance herein stipulated".*

Illi l-ftehim dwar il-hlas ta' l-alimenti ghalhekk jistabbilixxi ammont ta' mija u tlieta u tletin Lira Maltija (Lm133) fix-xahar ghax-xhur tas-Sajf, filwaqt li l-ammont ta' mitt Lira Maltija (Lm100) kull xahar ghax-xhur tax-Xitwa u wkoll bejn Ottubru sa Mejju.

Illi l-istess ftehim jistabbilixxi illi dawn l-ammonti jistghu jitwaqqfu biss fis-segwenti kazi:

(a) *“upon the child’s attainment of majority”*. Jigifieri t-tfal iridu jkunu ghalqu tmintax-il sena sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista’ tiggustifika l-waqfin tal-hlas ta’ l-alimenti mill-konvenut.

Illi bhala fatt gie kkonfermat illi fis-sena 2002 it-tifla minuri, Elaine, fil-mori tal-kawza saret maggorenni, filwaqt li t-tifel minuri ghalaq sbatax-il sena. Mela ma hemm l-ebda dubju li llum meta qed tinqata’ din il-kawza z-zewg ulied jidhru li huma maggorenni u ghalhekk t-tieni u t-tielet talba attrici ma jistghux jigu milqugha peress li ma hemm ghalhekk l-ebda ammont ta’ mantiment li l-istess konvenut jista’ jigi kkundannat ihallas b’effett mid-data ta’ din is-sentenza. Dwar l-ewwel talba attrici, din tirreferi biss ghall-perjodu fil-mori tal-kawza sakemm l-istess minuri saru maggorenni.

*(b) “during any period of the child’s gainful employment for a wage or income exceeding the National Minimum Wage current at the time …”*

Illi gie stabbilit mill-provi illi fil-mori tal-kawza, li t-tifla, Elaine, kienet tattendi *banking school* fejn kienet qed tistudja *insurance* u kienet taqla’ biss stipendju ta’ madwar erbghin Lira Maltija (Lm40) fix-xahar. Illi dan bl-ebda mod jista’ jinkwadra ruhu bhala l-qligh ta’ paga minima. Illi aktar tard pero’ l-attrici tispjega illi prezentement it-tifla, Elaine, qed tahdem *full-time* bhala *insurance clerk* ma’ Gasan Mamo Insurance. Fi kwalunkwe kaz, kif gja inghad illum it-tifla tal-konjugi Zerafa, taqla’ prattikament l-ghixien taghha, izda madankollu tosserva illi hadd mill-partijiet ma pprova illi l-paga taghha teccedi l-paga minima nazzjonali kkwotata llum.

Illi t-tifel minuri, kien jahdem darba fil-gimgha l-iskola tal-*Beauty and Hairdressing*. Ghalhekk fil-kaz ta’ Keith jista’ jigi osservat illi qabel ma sar maggorenni ma kienx qed jaqla’ l-ghixien tieghu u kien ghadu qed jistudja. Dak li kien jaqla’ zgur huwa ferm anqas mill-paga minima nazzjonali.

*(c) "during any period where without* <u>*just cause concerning the health and education of the child*</u>*. The access set out in clause "e" of this Article has not been acceeded to appeared Anthony Zerafa".*

Illi l-konvenut xehed u enfasizza kemm-il darba illi hu ilu ma jara lit-tfal tieghu. Jispjega pero' illi l-access kien jigi segwit, pero' hu kien jehodhom ghand il-genituri tieghu. Illi jispjega wkoll illi minhabba d-*depression* tieghu ma felahx ikompli maghhom u kemm-il darba kien jitlaq 'il barra, u jhallihom man-nanniet. Illi jidher li mhux kontestat illi t-tfal ma kenux jidhru kuntenti u ferhana sabiex jiltaqghu ma' missierhom.
Illi f'dan ir-rigward il-perit legali sostniet li:-

*"ghalkemm dan l-atteggjament u komportament tat-tfal m'huwiex bl-ebda mod gustifikabbli u rakkomandabbli, il-konvenut m'ghamel xejn sabiex forsi jirbah naqra l-imhabba tat-tfal u jistabbilixxi l-bonding u komunikazzjoni li ghandu jkun hemm bejn il-missier u t-tfal. Illi minflok l-atteggjament li ha kien "nohrog u ma nissikkahomx sabiex jiltaqghu mieghu u fl-istess hin ihallihom fil-liberta' li jaghmlu dak li kien jikkuntenthom.*

*Illi ghalhekk f'dan il-kaz ghalkemm il-konvenut jittenta jiggustifika n-nuqqas ta' hlas ta' alimenti ghall-perjodu minn wara Gunju 1996 ghaliex ma kienx qed jara lit-tfal, ghandu jigi osservat li l-istess tfal m'ghandhomx tort kompletament jekk missierhom, minflok kien iqatta' l-hin maghhom kien jitlaqhom mal-genituri tieghu".*

Illi l-Qorti tinnota li l-eccezzjonijiet tal-konvenut m'humiex ibbazati fuq dan is-subartikolu, pero' din il-Qorti thoss li ghandha tghid li l-minuri certament ghandhom ikollhom il-liberta' u x-xelta taghhom, u anke l-vuci taghhom, dment li ghall-protezzjoni taghhom stess, tali espressjoni tax-xewqa taghhom tkun wahda verament libera, u ma tpoggihomx taht iktar pressjoni specjalment mal-genituri taghhom. F'dan il-kaz din il-Qorti thoss li iktar mill-minuri, kien il-konvenut li abbanduna lill-minuri, kemm fl-access u kemm f'dak li huwa manteniment u responsabbilita' ta' l-istess, tant li l-kawza kollha hija proprju dwar manteniment

ta' l-istess minuri, li l-konvenut jikkoncedi li ma hallasx, ghaliex jghid li ma kellux impjieg, ghaliex kien ma jiflahx, u l-flus kollha li kellhu nefaqhom ghalih, u kellu r-ragunijiet tieghu li jaghmel dan, li ser jigu wkoll ezaminati aktar 'il quddiem fil-kuntest tar-raba' u l-hames talba attrici.

Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni, f'klawsola 3 (f) gie wkoll miftiehem illi l-manteniment imsemmi fl-istess kuntratt seta' jigi rivedut kull sena skond l-introjtu tal-konvenut. Ghalhekk, per konsegwenza, zieda jew tnaqqis fl-alimenti jiddependi biss skond zieda jew tnaqqis fil-paga tal-konvenut.

Illi l-perit legali ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet dwar l-istess u cjoe li "*mix-xhieda prodotta kemm mill-attrici, kif ukoll mill-konvenut gie stabbilit illi:*

*(i) Il-konvenut baqa' jhallas l-alimenti skond kif kien hemm stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni sa Frar 1995.*

*(ii) Bejn Marzu 1995 sa Mejju 1996 hallas sebgha u sebghin Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm77.78) fix-xahar, bhala manteniment ghax-xhur tax-xitwa u mija u tlett liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm103.44) fix-xhur tas-Sajf.*

*Illi l-attrici tammetti li meta giet infurmata b'dan in-nuqqas hija m'oggezzjonatx.*

*(iii) Bejn 19 ta' Jannar 1996 il-konvenut rega' gholla l-manteniment u dan kien fiz-zmien li kien qed jahdem ma' Technoline Ltd. Hawn kien qed ihallas disgha u sebghin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm79.60) fix-xahar fix-xhur tax-Xitwa u mija u hames Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm105.80) fix-xahar fix-xhur tas-Sajf.*

*Illi jidher ukoll illi f'dan iz-zmien l-attrici ma oggezzjonatx ghal dan it-tnaqqis mill-ammont originarjament miftiehem.*

*(iv) Il-konvenut jammetti li Mejju, 1996 kien l-ahhar li hallas manteniment lil uliedu. Jispjega illi hu kellu depression kbira u kellu jieqaf jahdem minn jeddu. Minn*

*Mejju 1996 kien ukoll ilu ma jara lil uliedu ghal madwar hames xhur. Jghid li fil-kuxjenza ma setax ikompli jhallas il-manteniment jekk ma kienx qed jara lit-tfal. Pero' l-istess konvenut jikkontradixxi lilu nnifsu meta jghid li minhabba d-depression kien ahjar li jhalli lit-tfal fil-liberta' fuqhom biex jarawh.*

*(v) Minn Mejju 1996, jidher li l-konvenut kellu investiti ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) fl-istocks tal-Gvern, liema ammont kien ircieva bhala sehemu tan-nofs indiviz mid-dar matrimonjali.*

*(vi) Jispjega illi dan l-ammont investit, sadanittant kien issellef il-flus b'kollox madwar hdax-il elf Lira Maltija (Lm11,000) u dan bejn 1994 sa l-1998.*

*(vii) Fl-1998 kien gie boarded out u beda jircievi "invalidity pension" ta' mija u erbghin Lira Malitja (Lm140) kull erba' gimghat.*

*(viii) Il-konvenut jispjega ukoll illi hu kien intitolat ghall-allowance supplimentari fl-ammont ta' erbatax-il Lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm14.95) kull tlett xhur u l-istess allowance baqa' jircevih sat-2 ta' Lulju 1999 (Dok. "DS1").*

*(ix) Il-konvenut jammetti illi ma baqax japplika ghal din l-allowance peress li l-attrici tahdem mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u ma riedx ipaxxiha.*

*(x) Il-konvenut jistqarr illi meta gie biex jghaddi "board", nehha l-ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) investiti bhala stocks u dan sabiex ikun intitolat ghall-pensjoni".*

*Minn dan l-konvenut sostna li minn dan l-ammont hallas id-dejn li kellu ta' hdax-il elf Lira Maltija (Lm11,000), il-kirjiet ta' diversi flats li kien jghix fihom wara s-separazzjoni li kienu dejjem ivarjaw bejn tmenin Lira Maltija u mija u ghoxrin Lira Maltija (Lm80 - Lm120).*

*Illi l-bqija tal-flus uzahom biex johrog u jissocjalizza u wkoll fir-ristoranti sabiex jhedha minhabba d-depression.*

*(xi) Bhala spejjez il-konvenut jiddikjara illi ghandu tlettax-il Lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm13.75) kull xahar u zewg Liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm2.95) kull xahar. Ukoll ghal anti-depressants li ghadu jiehu sal-gurnata ta' llum, kif ukoll spejjes talli llum joqoghdu mal-genituri tieghu pero' l-ammont ma giex stabbilit ghax ivarja.*

*(xii) Il-konvenut jiddikjara illi introjtu iehor m'ghandux. Djar, karozzi u flus fil-bank lanqas.*

*(xiii) Ix-xhud mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jispjega illi l-konvenut ma setax jiehu assistenza socjali peress li ma jmurx jirregistra.*

*(xiv) Skond il-konvenut u kkorroberat mill-psikjatra Dr. Peter Muscat, il-konvenut mhux fi stat fiziku u mentali li jahdem.*

*Il-Psikjatra Dr. Muscat jikkonferma illi ilu jara lill-konvenut sa mill-1997.*

*(i) Fl-istess kuntratt ta' separazzjoni hemm ukoll miftiehem illi l-attrici ghandha tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri minkejja l-alimenti li jikkontribwixxi ghalihom il-kovenut.*

*(ii) L-attrici, fil-provi migjuba tispjega illi fiz-zmien is-separazzjoni kienet tahdem bhala casual typist mal-Gvern u bhala paga ghandha mitejn u ghaxar Liri Maltin (Lm210) (netti) fix-xahar u fis-Sajf mija u sittin Lira Maltija (Lm160) (netti). Fil-mori tal-kawza saret clerk pero' l-paga baqghet l-istess.*

*(iii) L-attrici wkoll tispjega illi ghamlet zmien tahdem part-time mal-McDonalds u dan sa Awissu 1998. U dan wara sena u hames xhur, minn hawn kienet iddahhal hamsin Lira Maltija (Lm50) fil-gimgha.*

*(iv) L-attrici tispjega illi prezentament ukoll tahdem part-time ma' l-International Hotel bhala waitress. Tahdem*

*darba fil-gimgha u ghandha paga ta' sebgha Liri Maltin (Lm7) kull darba. Bhala tips ma taqla xejn.*

*(v) Bhala spejjes l-attrici tispjega illi ghandha diversi, inkluz il-kontijiet, hamsin Lira Maltija (Lm50) fil-gimgha ghall-hajja kif ukoll spejjez edukattivi tat-tifel u spejjes ghat-trasport pubbliku tat-tfal.*

*(vi) L-attrici tghid li fl-1998 kienet ghalqet kont "savings" li kellha u fih kien hemm xi bilanc ta' madwar elf Lira Maltija u elfejn Lira Maltija (Lm1,000-Lm2,000). Imbaghad tghid li kellha savings account iehor li nghalaq fl-1996 u nghalaq b'ammont ta' madwar tlett mitt Lira Maltija (Lm300). Fl-1994, kien hemm bilanc ta' madwar elf Lira Maltija (Lm1,000).*

*Illi kien hemm ukoll xi kontijiet li kienet izzomm ghat-tfal. Tat-tifla llum nqaleb f'isimha u l-bilanc kien jaqbez l-elf Lira Maltija (Lm1,000).*

*Illi t-tifel ghandu fixed deposit account, pero' ma jistax jinqaleb fuqu minhabba l-eta'. Il-bilanc huwa ta' madwar disgha mija u hamsin Lira Maltija (Lm950).*

*(vii) Bhala debitu l-attrici ghandha madwar hdax-il elf u hames mitt Lira Maltija (Lm11,500). Kienet issellfet sittax-il elf Lira Maltija (Lm16,000) minghand missierha u huha sabiex thallas lill-konvenut sehemu ta' nofs indiviz mid-dar matrimonjali. Huha kien sellifha madwar elf u hamest elef u hames mitt Lira Maltija (Lm1,000-Lm5,500) u kienet hallsitu kollox.*

*Illi lil missierha kienet ghadha bid-dejn mieghu u ma kenitx qed thallas minhabba li finanzjarjament mhix f'pozizzjoni li thallas li ma kienx hemm ftehim kif ghandhom jithallsu. L-attrici kienet tiehu l-ghajnuna socjali bejn l-20 ta' Gunju, 1998 sas-16 ta' Ottubru, 1998 u mill-5 ta' Dicembru, 1998 sat-8 ta' Jannar, 1999. Hi kienet tircievi hames Liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm5.64) fil-gimgha.*

*<u>Spejjez edukattivi</u>*

*(i) Skond il-ftehim tas-separazzjoni, il-konvenut kien obbligat li jhallas l-ispejjes ghal 'O' Levels u 'A' Levels tat-tfal.*

*(ii) Illi l-konvenut jammetti li hu ma hallasx dawn l-ispejjez.*

*(iii) Sadanittant l-ispejjes thallsu mill-attrici ghall-'A' Levels li poggiet ghalihom it-tifla Elaine li b'kollox ammontaw ghal mitjen Lira Maltija (Lm200). It-tifel minuri ghad irid jaghmel l-'O' Levels.*

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet din il-Qorti thoss li ghandha tghid u tirripetti l-principju fondamentali ghall-interpretazzjoni tal-kuntratti li l-ftehim ta' bejn il-partijiet huwa ligi bejn il-partijet u dan mhux l-inqas f'kazi ta' separazjoni personali, fejn il-Qorti b'mod eccezzjonali tista' tvarja l-ftehim bejn il-partijiet biss ghar-ragunijiet specifikati fil-ligi minhabba l-interess tal-minuri. Mela allura din il-Qorti ghandha dejjem, hlief kif inghad, tapplika dak pattwit bejn il-partijiet. Illi huwa principju wkoll fundamentali ghall-esekuzzjoni ta' l-istess kuntratti li kull kuntratt jew ftehim ghandu jigi esegwit *"in bona fede".*

Illi huwa proprju fid-dawl ta' dawn il-principji li ser tigi deciza din il-pendenza limitatament dwar arretrati ta' manteniment dovuti lill-minuri tal-konjugi abbazi tal-kuntratt ta' bejniethom. Il-pozizzjoni dwar l-introjtu tal-konvenut hija li fil-fatt bejn Mejju 1996 sad-data meta l-istess minuri saru maggorenni l-konvenut ma hallas l-ebda manteniment, u dan huwa ammess minnu.

Illi huwa jittenta jiggustifika dan peress li jghid li ma setax jahdem peress li kien u ghadu jbati minn dipressjoni u fil-fatt ix-xoghol tieghu gie terminat. Il-kuntratt jitkellem li l-istess manteniment hemm pattwit kellu jizdied jew jigi mnaqqas skond l-introjtu tal-konvenut minn zmien ghal zmien u tali revizjoni kellha issir mill-partijiet abbazi ta' dak li l-kuntratt semma bhala l-proporzjon bejn il-paga tal-konvenut u l-manteniment hemm stabbilit u ghalhekk kellu jsir aggustament fuq il-paga ta' l-istess konvenut hekk kif tirrizulta minn zmien ghal zmien.

Illi f'dan il-kaz bil-pozizzjoni li assuma l-konvenut minn Mejju 1996 jidher li dan ma setax isir peress li l-konvenut spicca mix-xoghol tieghu ghaliex jghid li kellu dipressjoni li impedietu minn dak iz-zmien li jahdem izjed. Dan huwa konfortat skond il-konvenut, mic-certifikat ta' psikjatra *ex parte.* Li huwa sinfikanti pero' huwa l-fatt li ghall-ewwel l-istess konvenut ma kienx qed jircievi l-ebda *invalidity pension,* ghaliex kellu l-flus il-bank jew investiti fl-ammont ta' bejn zbatax-il elf Lira Maltija u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm17,000 u Lm20,000) (jekk mhux tnejn u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm22,000) – fol. 58) li kien ghadu kemm ircieva konsegwenti ghall-kuntratt ta' separazzjoni; allura ra kif ghamel sabiex irtira l-istess depoziti u nvestimenti, b'mod li deher li ma kellux l-ebda kapital, u beda` jircievi l-istess pensjoni fl-1998. Baqa' ma applikax ghall-benefficcji supplementari sabiex skond l-istess konvenut ma jpaxxix il-mara.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-konvenut ghamel dak kollu li seta` jaghmel sabiex jevita li jhallas il-manteniment ghal uliedu u dan billi mhux biss spicca mix-xoghol, izda wkoll ra kif ghamel u berbaq il-flus li huwa kellu sabiex skond huwa ezawrixxa l-kapital kollu tieghu kemm sabiex jiehu l-beneficcji socjali u kif ukoll sabiex ma jonorax – obbligi tieghu ta' manteniment skond il-kuntratt.

Illi huwa car fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li l-kwalsola li titkellem fuq manteniment tal-minuri mill-konvenut kienet qed titkellem f'ambitu ta' gholi u tnaqqis mill-introjtu tal-konvenut, inkluz dak ta' l-impjieg tieghu izda ma kenitx qed tikomtempla li l-konvenut jispicca jew jitlaq jew jabbanduna l-impieg tieghu. Huwa veru li l-konvenut kien qed isofri minn xi forma ta' dipressjoni, izda ma jirrizultax mill-provi prodotti li din kienet tali, li l-istess konvenut jieqaf hekk hesrem mix-xoghol, u mhux biss izda li jillikwida l-kapital kollu tieghu sabiex addirittura jghid li ma hemmx minn fejn imantni lil uliedu, jew sabiex ma jonorax l-obbligi tieghu.

Illi din il-Qorti thoss li mill-kumpless tal-provi jirrizulta li l-konvenut agixxa *in mala fede* fl-ezekuzzjoni tat-termini tal-

kuntratt ta’ separazzjoni, u l-azzjonijiet tieghu wara l-istess kuntratt kienu biss immirati sabiex huwa jevadi l-obbligazzjonijiet minnu stess assunti, u sabiex jirrendi t-termini tal-kuntratt kompletament bla effett, u dan sinfikatament fil-konfront ta’ uliedu stess.

Illi din il-Qorti ma thossx li ghandha titollera din is-sitwazzjoni, iktar u iktar meta mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet tal-konvenut mhux biss ma gewx ippruvati ghas-sodisfazzjoni u fil-grad rikjest mill-Qorti skond il-ligi, bhal fil-kaz ta’ kemm kien jiflah u ma jiflahx il-konvenut biex ma jahdimx ghal dan iz-zmien kollu, izda wkoll bil-mod kif huwa qal li nefaq il-kapital kollu tieghu ta’ almenu ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) jew tnejn u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm22,000) billi fi ftit snin (massimu ta’ sentejn/tlieta) huwa llikwida l-istess.  Huwa qal li ssellef minghand il-familjari – bla ebda prova jew korroborazzjoni; qal li nefaq diversi flejjes sostanzjali ghall-kura – ukoll bla ebda prova – ammetta li berbaq sabiex jiddeverti u wkoll sabiex jehles mid-dipressjoni – izda f’dan kollu l-ebda darba ma qal jew allega li pprova jhallas xi manteniment ghall uliedu, b’dan li jirrizulta li kienet l-attrici li mantniet unikament lill-istess wild tal-partijiet minn Mejju 1996 ‘il quddiem.

Illi fl-isfond ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet tal-konvenut ma gewx ghalhekk ippruvati, u li gie ppruvat kien biss li ghalkemm l-konvenut kellu xi diffikultajiet konnessi ma’ dipressjoni, pero’ huwa jidher li approfitta ruhu mill-istess sabiex jilhaq l-iskop tieghu li ma jhallas l-ebda manteniment kif minnu pattwit fil-kuntratt premess, u sabiex zgur jilhaq l-iskop tieghu huwa llikwida f’qasir zmien il-kapital kollu li kellu, bla ma offra xi beneficcju lil uliedu stess, u hekk baqghet is-sitwazzjoni sakemm l-istess minuri lahqu maggorenni, u certament din il-Qorti ma tistax tissanzjona l-esekuzzjoni *in mala fede* ta’ dawn l-obbligi kuntrattwali mill-konvenut.  Jidher li l-pika ma’ martu hadet is-soppravvent fil-kaz tal-konvenut *stante* li ghazel li tul iz-zmien ma applikax ghal beneficcji ohra sabiex skond huwa ma’ jikkomodax b’xi mod lill-attrici – f’din il-pika estrema jidher li wahlu mal-konvenut ukoll uliedu stess, u ghalhekk din il-Qorti thoss li fic-

cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ewwel talba ghandha tigi milqugha limitatament ghall-perjodu bejn Mejju 1996 sakemm l-istess ulied tal-kontendenti saru maggorenni.

Illi fuq din il-binarju jidher li kienet ukoll il-konkluzjoni tal-perit legali li sostniet li *"tapprezza l-kundizzjoni ta' sahha tal-konvenut, pero' l-istess problema ta' dipressjoni m'ghandhiex twassal ghall-gustifikazzjoni ghac-cessjoni tal-hlas ta' manteniment. L-esponenti anzi tikkundanna l-agir tal-konvenut li ghadu jahbi l-verita'. Kien depressed, waqaf mix-xoghol u dan ghaliex ma hassx li kellu bzonn jahdem biex imantni lil uliedu jekk lanqas kienu jigu jarawh. Pero' l-esponenti, terga' tirrileva illi l-konvenut m'ghamel xejn sabiex jinkoraggixxi l-access, ma gabx provi ta' proceduri kriminali anzi pjuttost kien rassenjat ghal dan il-fatt u rah aktar skuza biex jieqaf mix-xoghol. Pero', b'danakollu, iddejjen biex jghix ghax il-paga ma kenitx bizzejjed u sahansitra l-flus li kellu investiti fi stocks tal-Gvern, minflok uzahom sabiex jghin lit-tfal fil-progressiv edukattiv taghhom, uzahom biex ihallas id-dejn. Dan huwa egoizmu ghall-ahhar".*

Illi ghalhekk, il-manteniment ghal dan il-perjodu bejn sakemm kull wild lahaq l-eta' maggorenni, ghandu jkun ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm25) fix-xahar. F'dan il-kaz din il-Qorti tadotta l-opinjoni tal-perit legali li "*theggeg lill-konvenut jerga' japplika ghall-allowance supplimentari, liema allowance jibqa' ntitolat ghalih u mhux qed jiehdu ghal kapricc u bla pregudizzju tat-tfal".*

Illi allura dwar it-talba ghall-hlas ta' arretrati, tenut kont li mill-provi gie stabbilit li l-konvenut waqaf jahdem f'Mejju, 1996 f'perjodu meta kien ghaddej skond huwa minn *dipressjoni* u kien biss sentejn wara li gie *boarded out* (Awissu, 1998), f'liema perjodu llikwida l-kapital kollu tieghu, u kien biss fl-1997 li mar ghand psikjatra. Jirrizulta li f'dan iz-zmien ma' kien hemm xejn x'jiggustifika l-azzjoni tal-konvenut, li jieqaf mix-xoghol minn jeddu bla ma qaghad iqis ic-cirkostanzi u l-effett fuq it-trobbija tat-tfal u lanqas ghamel xi talba jew azzjoni ghan-nuqqas ta' manteniment bhalma ghamel drabi ohra. Ghalhekk ta' manteniment kien ghadu veljanti u ghalhekk bejn il-

perjodu Gunju 1996 sa Awissu 1998, nofs l-ammonti ta' manteniment kif miftiehem fil-kuntratt ghaz-zewgt itfal li f'dan il-perjodu kienu ghadhom it-tnejn minuri. Minn naha l-ohra bejn Settembru 1998 sa meta fil-kaz ta' Elaine din saret maggorenni, u fil-kaz ta' Keith sakemm l-istess sar maggorenni l-ammont ghall-hlas ta' arretrati, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz ghandu jkun ta' erbghin Lira Maltija (Lm40) fix-xahar ghaz-zewg minuri, ghoxrin Lira Maltija (Lm20 kull minuri) sakemm rispettivament ghalqu tmintax-il sena.

Illi bhala spejjez edukattivi ta' l-*'O' Levels u 'A' Levels* li thallsu mill-attrici dawn ghandhom jithallsu lura mill-konvenut, la darba kien hemm dan l-obbligu fil-kuntratt ta' separazzjoni u ma kien hemm l-ebda limitazzjoni ghal din il-klawsola (3) (g) tal-kuntratt. Illi l-edukazzjoni tat-tfal hija essenzjali u xejn ma jista' jiggustifika n-nuqqas ta' nteress ta' genitur f'dan il-qasam tat-trobbija ta' l-ulied.

Illi ghalhekk *in vista'* ta' dak relevat u sottomess fil-hames talba, l-ammont li ghandu jigu likwidati huwa ta':

Gunju 1996 sa Settembru 1996 – [66.50 x 4 = Lm266.00]
Ottubru 1996 sa Mejju 1997 – [50 x 8 = Lm400]
Gunju 1997 sa Settembru 1997 – [Lm266.00]
Ottubru 1997 sa Mejju 1998 – [Lm400.00]
Gunju 1998 sa Awissu 1998 [66.50 x 3 = Lm199.50]
Settembru 1998 sa meta l-minuri ghalqu tmintax-il sena. Elaine – ghoxrin lira Maltija (Lm20) fix-xahar u Keith ghoxrin Lira Maltija (Lm20) fix-xahar (NB ma giex stabbilit meta l-minuri saru maggorenni).
Illi ma' dawn ghandhom jizdiedu mitjen Lira Maltija (Lm200) li jirrapprezentaw spejjez ta' l-*'A' Levels* ta' Elaine.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba attrici** *stante* li l-ulied llum huma maggorenni,

u **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut kellu l-obbligu li jmantni lil uliedu minuri, Elaine u Keith skond il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn l-partijiet u konjugi Zerafa, datat 4 ta' Novembru 1994 sakemm l-istess minuri jsiru u saru maggorenni.

2. Tastjieni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li l-istess Elaine u Keith Zerafa saru llum maggorenni.

3. Tastjieni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li l-istess Elaine u Keith Zerafa saru llum maggorenni.

4. Tillikwida dak l-ammont dovut bhala manteniment ghal uliedu minuri, Elaine u Keith minn Gunju 1996 bhala arretrati ta' manteniment skond il-kuntratt ta' l-4 ta' Novembru 1994 sad-data meta l-istess minuri rispettivament saru maggorenni (a) fl-ammont ta' elf, tlett mija u tnejn u tletin Lira Maltija (Lm1,332) mid-data ta' Gunju 1996 sad-data ta' Awissu 1998; (b) b'effett minn Settembru 1998 sad-data meta Elaine saret maggoreni fis-somma ulterjuri li tirrizulta bir-rata ta' ghoxrin Lira Maltija (Lm20) fix-xahar bhala retta alimentari tal-minuri pagabbli mill-konvenut; (c) b'effett minn Settembru 1998 sad-data meta Keith sar maggoreni fis-somma ohra ulterjuri li tirrizulta bir-rata ta' ghoxrin Lira Maltija (Lm20) fix-xahar bhala retta alimentari tal-minuri pagabbli mill-konvenut; (d) l-ammont ulterjuri ta' mitjen Lira Maltija (Lm200) li jirrapprezentaw spejjez ta' l-*'A' Levels* ta' Elaine.

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici fil-kwalita' taghha premessa bhala manteniment is-somom hekk likwidati bhala 4 (a) (b) (c) u (d) konsegwenti ghar-raba' talba attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------